

Paġna Ewlenija > ... > Teħid Ta' Azzjoni Legali > Medjazzjoni > Medjazzjoni Tal-familja > Medjazzjoni Tal-familja > Czechia

## Medjazzjoni tal-familja

 Iċ-Ċekja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

Fir-Repubblika Ċeka, il-medjazzjoni hija rregolata mill-Att Nru 202/2012 dwar il-medjazzjoni ("l-Att"), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2012 u li jimplementa d-Direttiva 2008/52/KE dwar ċerti aspetti ta' medjazzjoni f'materji ċivili u kummerċjali.

L-Att jirregola l-arranġamenti legali għall-medjazzjoni f'materji ċivili (inklużi materji tal-familja). Biex wieħed jitqiegħed fir-reġistru tal-medjaturi u jkun awtorizzat jaħdem bħala medjatur b'konformità mal-Att, medjatur irid jgħaddi minn eżami speċjalizzat.

Meta jkun utli u xieraq, qorti tista' tordna lill-partijiet biex jiltaqgħu ma' medjatur irregiſtrat għal massimu ta' tliet sigħat u, fl-istess ħin, tissospendi l-proċedimenti. Jekk parti tirrifjuta mingħajr raġuni valida li tattendi għal laqgħa ma' medjatur, il-qorti tista' tippenalizzaha billi tirrifjuta - kuntrarjament għall-prassi konswetudinarja - li tikkonċedilha parti mill-ispejjeż jew l-ispejjeż kollha tal-proċeduri jekk dik il-parti terbaħ il-kawża.

Hoġqa għal sit Ċek li tipprovdi lista ta' medjaturi rregiſtrati li jitrattaw materji tal-familja:

<https://mediatori.justice.cz>

Hoġqa għal sit Ċek li jipprovdi informazzjoni li tikkonċerna l-proċedimenti ta' medjazzjoni f'materji familjari jew il-medjazzjoni b'mod ġenerali:

Ma hemmx sit ta' dan it-tip.

Hoġqa għal siti li jipprovdu aċċess għal-leġiżlazzjoni Ċeka li tirregola l-medjazzjoni f'materji familjari:

<https://www.psqw.cz/sqw/sbirka.sqw?cz=202&r=2012>

[http://www.cak.cz/assets/zakon-o-mediaci\\_aj.pdf](http://www.cak.cz/assets/zakon-o-mediaci_aj.pdf) (it-test tal-Att bl-Ingliż)

L-aħħar aġġornament: 25/03/2020

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.